REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/952

tat-22 ta' Marzu 2024

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2020/1998 dwar miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1998 tas-7 ta' Diċembru 2020 dwar miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2020/1998.

(2) Fit-8 ta' Diċembru 2020, fid-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'isem l-Unjoni Ewropea, dwar ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha affermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħhom lejn il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem jenfasizza d-determinazzjoni tal-Unjoni li ssaħħaħ ir-rwol tagħha fl-indirizzar ta' ksur u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. Il-kisba tat-tgawdija effettiva tad-drittijiet tal-bniedem minn kulħadd hija għan strateġiku tal-Unjoni. Ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Unjoni u tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha.

(3) L-Unjoni hija mħassba sew dwar id-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja. Il-gwerra illegali ta' aggressjoni mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna kompliet taċċellera r-repressjoni interna fir-Russja, billi llimitat drastikament il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni kif ukoll il-libertà tal-media, u introduċiet iċ-ċensura tal-gwerra.

(4) L-Unjoni tkompli tikkundanna bil-qawwa l-espansjoni severa tal-leġiżlazzjoni restrittiva kontra s-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni sistematika tagħhom, kif ukoll ir-repressjoni bla rażan tal-media indipendenti, il-ġurnalisti individwali u l-ħaddiema tal-media, il-membri tal-oppożizzjoni politika u ilħna kritiċi oħra attivi fir Russja u barraminnha.

(5) Fid-19 ta' Frar 2024, fid-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'isem l-Unjoni Ewropea dwar il-mewt ta' Alexei Navalny, l-Unjoni esprimiet ir-rabja tagħha dwar il-mewt tiegħu u fakkret fil-kundanna ripetuta tagħha tal-avvelenament tiegħu u l-azzjonijiet politikament motivati meħuda kontrih, inkluż il-priġunerija u t-trattament ħażin tiegħu fis-sistema tal-ħabs. Hija ssottolinjat li l-Unjoni ser tagħmel kull sforz biex iżżomm it-tmexxija politika u l-awtoritajiet Russi responsabbli għall-mewt tiegħu u timponi aktar sanzjonijiet.

(6) L-Unjoni ttenni l-appell tagħha lir-Russja biex teħles minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lil dawk kollha miżmuma l-ħabs fuq akkużi b'motivazzjoni politika.

(7) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li 33 persuna u żewġ entitajiet jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2020/1998 jiġi emendat skont dan,

([1]) ĠU L 410 I, 7.12.2020, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/1998 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2024.

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

L-Anness tar-Regolament (PESK) 2020/1998 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi":

	Ismijiet (Traslitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"73.	Yuri KONOVEEV	Юрий КОНОВЕЕВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Kap tat-taqsima distakkata SUS 'PKT' fl-IK-3 penal colony Data tat-twelid: 7.5.1987 Post tat-twelid: Rivne, eks USSR (illum Ukraine) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yuri Konoveev huwa l-kap tat-taqsima distakkata SUS u taċ-ċelli ta' kastig tat-tip PKT (magħruf ukoll bħala l-kap tad-dipartiment tax-xogħol edukattiv) fl-IK-3 penal colony fejn ilu jaħdem mill-inqas mill-2019. Alexei Navalny tqiegħed taħt l-awtorità tiegħu mill-25 ta' Diċembru 2023 sal-mewt tiegħu fis-16 ta' Frar 2024. F'dik il-pożizzjoni, Konoveev issorvelja s-swali responsabbli għat-trattament ħażin ta' Alexei Navalny u interaġixxa direttament miegħu mill-inqas darba fix-xahar. Minħabba r-responsabbiltà tiegħu għaċ-ċelel ta' kastig, huwa żgura li reġim ta' iżolament fiżiku massimu ġie impost fuq Navalny. Fir-rwol superviżorju tiegħu ta' edukazzjoni (mill-ġdid) tad-detenuti, huwa kien responsabbli għall-appoġġ ta' sistema mibnija fuq it-tkissir tar-rieda tad-detenuti, u b'hekk ħoloq sentiment ta' nuqqas ta' tama assoluta u kundizzjonijiet tal-għajxien inumani. Xhieda xehdu li kien seħħ ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tax-xogħol edukattiv tad-detenuti u li t-tortura kienet preskritta direttament fid-dokumenti operazzjonali tad-dipartimenti. Yuri Konoveev kien responsabbli wkoll għat-testijiet investigattivi u għall-btieħi għall-eżerċizzju fejn Alexei Navalny allegatament ħassu ma jiflaħx. L-IK-3 penal colony hija magħrufa li teżerċita pressjoni fiżika u psikoloġika, iżolament sħiħ, tortura u vjolenza fuq il-priġunieri. Għaldaqstant, Konoveev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra u l-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Traż litterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
74.	Alexei Vassilyevich LISYUK magħruf ukoll bħala Alexei Vassilyevich LYSYUK	Алексей Васильевич ЛИСЮК (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Tabib tal-iġjene ġenerali; Kap tal-unità medika fl-IK-3 penal colony Data tat-twelid: 1984 Post tat-twelid: Ussuriysk, former USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexei Lisyuk huwa tabib ġenerali tal-iġjene u ilu l-kap tal-unità medika tal-IK-3 penal colony minn tal-inqas minn Awwissu 2023. F'dik il-pożizzjoni, Lisyuk kien responsabbli għas-saħħa ta' Alexei Navalny mill-25 ta' Diċembru 2023 sal-mewt tiegħu fis-16 ta' Frar 2024. Lisyuk ittraskura l-kundizzjonijiet ħżiena tad-detenzjoni u tas-saħħa ta' Navalny, naqas milli jiżgura li l-unità tiegħu kellha kapaċitajiet adegwati ta' risuxxitazzjoni u naqas milli jordna t-trasport tiegħu lejn l-eqreb sptar fil-ħin wara li ntilef minn sensih fis-16 ta' Frar 2024. L-IK-3 penal colony hija magħrufa għall-eżerċizzju ta' pressjoni fiżika u psikoloġika, iżolament sħiħ, tortura u vjolenza fuq il-priġunieri kif ukoll għall-kwalità ħażina tas-servizzi mediċi Għaldaqstant, Lisyuk huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.	22.3.2024
75.	Wadim Konstantinowitsch KALININ	Вадим Константинович КАЛИНИН	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-IK-3 penal colony Data tat-twelid: 7.3.1973 Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Wadim Konstantinowitsch Kalinin huwa l-Kap tal-IK-3 penal colony. Fil-linja ta' kmand tal-IK-3 penal colony, u billi huwa uffiċjalment parti mill-persunal għoli ta' kmand tar-Russian Federal Penitentiary Service (FSIN) u jassumi rwol maniġerjali, huwa inkarigat direttament b'deċiżjonijiet eżekuttivi u għalhekk responsabbli għall-kundizzjonijiet ġenerali ta' priġunerija fl-IK-3 penal colony. L-IK-3 penal colony, komunement magħrufa bħala l-'Polar Wolf', kienet il-post fejn il-politiku tal-oppożizzjoni detenut Alexei Navalny miet taħt ċirkostanzi mhux magħrufa. Il-kundizzjonijiet tal-priġunerija tiegħu fl-IK-3 penal colony inkludew il-vjolenza fiżika bħat-tortura u n-nuqqas ta' provvista ta' misħun u ħwejjeġ xierqa fix-xitwa, assistenza medika u ikel u ilma. Għaldaqstant, Wadim Konstantinowitsch Kalinin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
76.	Sergey Nikolaevich KORZHOV	Сергей Николаевич КОРЖОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Viċi kap tal-IK-3 penal colony Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Nikolaevich Korzhov huwa viċi kap tal-IK-3 penal colony. Fil-linja ta' kmand tal-IK-3 penal colony, u billi huwa uffiċjalment parti mill-persunal għoli ta' kmand tar-Russian Federal Penitentiary Service (FSIN) u jassumi rwol maniġerjali, huwa inkarigat direttament b'deċiżjonijiet eżekuttivi u għalhekk responsabbli għall-kundizzjonijiet ġenerali ta' priġunerija fl-IK-3 penal colony. L-IK-3 penal colony, komunement magħrufa bħala l-'Polar Wolf', kienet il-post fejn il-politiku tal-oppożizzjoni detenut Alexei Navalny miet taħt ċirkostanzi mhux magħrufa. Il-kundizzjonijiet tal-priġunerija fl-IK-3 penal colony inkludew il-vjolenza fiżika bħat-tortura u n-nuqqas ta' provvista ta' misħun u ħwejjeġ xierqa fix-xitwa, assistenza medika u ikel u ilma. Għaldaqstant, Sergey Nikolaevich Korzhov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur jsistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
77.	Vasily Alexandrovich VYDRIN	Василий Александрович ВЫДРИН (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Viċi kap tal-IK-3 penal colony Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vasily Alexandrovich Vydrin huwa viċi kap tal-IK-3 penal colony. Fil-linja ta' kmand tal-IK-3 penal colony, u billi huwa uffiċjalment parti mill-persunal għoli ta' kmand tar-Russian Federal Penitentiary Service (FSIN) u jassumi rwol maniġerjali, huwa inkarigat direttament b'deċiżjonijiet eżekuttivi u għalhekk responsabbli għall-kundizzjonijiet ġenerali ta' priġunerija fl-IK-3 penal colony. L-IK-3 penal colony, komunement magħrufa bħala l-'Polar Wolf', kienet il-post fejn il-politiku tal-oppożizzjoni detenut Alexei Navalny miet taħt ċirkostanzi mhux magħrufa. Il-kundizzjonijiet tal-priġunerija fl-IK-3 penal colony jinkludu l-vjolenza fiżika bħat-tortura u n-nuqqas ta' provvista ta' misħun u ħwejjeġ xierqa fix-xitwa, assistenza medika u ikel u ilma. Għaldaqstant, Vasily Alexandrovich Vydrin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
78.	Vladimir Ivanovich PILIPCHIK	Владимир Иванович ПИЛИПЧИК	Pożizzjoni(jiet): Viċi kap tal-IK-3 penal colony Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Ivanovich Pilipchik huwa viċi kap tal-IK-3 penal colony. Fil-linja ta' kmand tal-IK-3 penal colony, u billi huwa uffiċjalment parti mill-persunal għoli ta' kmand tar-Russian Federal Penitentiary Service (FSIN) u jassumi rwol maniġerjali, huwa inkarigat direttament b'deċiżjonijiet eżekuttivi u għalhekk responsabbli għall-kundizzjonijiet ġenerali ta' priġunerija fl-IK-3 penal colony. L-IK-3 penal colony, komunement magħrufa bħala l-'Polar Wolf', kienet il-post fejn il-politiku tal-oppożizzjoni detenut Alexei Navalny miet taħt ċirkostanzi mhux magħrufa. Il-kundizzjonijiet tal-priġunerija fl-IK-3 penal colony inkludew il-vjolenza fiżika bħat-tortura u n-nuqqas ta' provvista ta' miżhun u ħwejjeġ xierqa fix-xitwa, assistenza medika u ikel u ilma. Għaldaqstant, Vladimir Ivanovich Pilipichik huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
79.	Alexander Vladimirovich GOLYAKOV	Александр Владимирович ГОЛЯКОВ	Pożizzjoni(jiet): Viċi kap tal-IK-3 penal colony Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Vladimirovich Golyakov huwa viċi kap tal-IK-3 penal colony. Fil-linja ta' kmand tal-IK-3 penal colony, u billi huwa uffiċjalment parti mill-persunal għoli ta' kmand tar-Russian Federal Penitentiary Service (FSIN) u jassumi rwol maniġerjali, huwa inkarigat direttament b'deċiżjonijiet eżekuttivi u għalhekk responsabbli għall-kundizzjonijiet ġenerali ta' priġunerija fl-IK-3 penal colony. L-IK-3 penal colony, komunement magħrufa bħala l-'Polar Wolf', kienet il-post fejn il-politiku tal-oppożizzjoni detenut Alexei Navalny miet taħt ċirkostanzi mhux magħrufa. Il-kundizzjonijiet tal-priġunerija fl-IK-3 penal colony inkludew il-vjolenza fiżika bħat-tortura u n-nuqqas ta' provvista ta' miżhun u ħwejjeġ xierqa fix-xitwa, assistenza medika u ikel u ilma. Għaldaqstant, Alexander Vladimirovich Golyakov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
80.	Alexander Valerievich OBRAZTSOV	Александр Валерьевич ОБРАЗЦОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Viċi kap tal-IK-3 penal colony Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Valerievich Obraztsov huwa viċi kap tal-IK-3 penal colony. F'dik il-pożizzjoni, huwa direttament responsabbli għall-kundizzjonijiet ta' priġunerija fl-IK-3 penal colony. L-IK-3 penal colony, komunement magħrufa bħala l-rPolar Wolf', kienet il-post fejn il-politiku tal-oppożizzjoni detenut Alexei Navalny miet taħt ċirkostanzi mhux magħrufa. Il-kundizzjonijiet tal-priġunerija fl-IK-3 penal colony inkludew il-vjolenza fiżika bħat-tortura u n-nuqqas ta' provvista ta' misħun u ħwejjeġ xierqa fix-xitwa, assistenza medika u ikel u ilma. Għaldaqstant, Alexander Valerievich Obraztsov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
81.	Igor Borisovich RAKITIN	Игорь Борисович РАКИТИН (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Direttur tal-Federal Penitentiary Service Directorate for the Yamal-Nenets Autonomous Region Data tat-twelid: 5.10.1973 Post tat-twelid: Tyumen Oblast, former USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-identità tat-taxxa: 100602094834	Igor Borisovich Rakitin ilu d-direttur tad-Direttorat tal-Federal Penitentiary Service Directorate for the Yamal-Nenets Autonomous Region of the Russian Federation mit-28 ta' Lulju 2020. Taħt il-kmand tiegħu, ġiet stabbilita prassi mifruxa u sistematika ta' tortura f'kolonji penitenzjarji fil-Yamal-Nenets Autonomous Region. Taħt il-kmand tiegħu, seħħew prattiki ta' tortura f'kolonji penali IK-3 'Polar Wolf' u IK-8 'Polar Bear'. Dik il-prassi tinkludi ċ-ċaħda tal-kura medika, swat, perjodi estensivi ta' reklużjoni, privazzjoni tal-ikel u injezzjoni ta' sustanzi mhux magħrufa. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala Direttur tal-Federal Penitentiary Service Directorate for the Yamal-Nenets Autonomous Region, Igor Borisovich Rakitin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani u degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u l-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni	22.3.2024

	Ismijiet (Traslitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
82.	Valeriy Gennadyevich BOYARINEV	Валерий Геннадьевич БОЯРИНЕВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): L-ewwel viċi direttur tal-Federal Penitentiary Service of the Russian Federation Grad: Maġġur Ġeneral Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 2.9.1970 Post tat-twelid: Berezovskiy, Krasnoyarskiy Kray, former USSR (illum Russian Federation) Sess: raġel Numru tal-identità tat-taxxa: 190113308460	Valeriy Gennadyevich Boyarinev ilu l-ewwel viċi direttur tal-Federal Penitentiary Service of the Russian Federation mill-4 ta' Lulju 2022. Huwa nħatar b'digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa. Taħt il-kmand tiegħu, ġiet stabbilita prassi ta' tortura mifruxa u sistematika fil-kolonji penitenzjarji Russi, inkluż il-kolonja tal-ħabs fejn Alexei Navalny kien detenut. Dik il-prassi tinkludi ċ-ċaħda tal-kura medika, swat, perjodi estensivi ta' reklużjoni, privazzjoni tal-ikel u injezzjoni ta' sustanzi mhux magħrufa. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Ewwel Viċi Direttur, Valeriy Gennadyevich Boyarinev personalment ta l-ordnijiet biex jiġi limitat l-ammont ta' ikel Navalny tħalla jixtri waqt li nżamm fl-IK-6 penal colony f'Vladimirskaya Oblast. Tlett ijiem wara l-mewt ta' Navalny f'kolonja penitenzjarja taħt is-superviżjoni tiegħu, Boyarinev ġie promoss għal Maġġur Ġeneral ta' notifika permezz ta' digriet presidenzjali. Għaldaqstant, Valeriy Gennadyevich Boyarinev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
83.	Dmitriy Andreevich ARTYUKHOV	Дмитрий Андреевич АРТЮХОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Gvernatur tal-Yamal-Nenets Autonomous Region Nazzjonalità: Russa Data tat-twelid: 17.2.1988 Post tat-twelid: Tyumen Oblast, former USSR (illum Russian Federation) Sess: raġel Numru tal-identità tat-taxxa: 720414941639	Dmitriy Andreevich Artyukhov ilu l-Gvernatur tal-Yamal-Nenets Autonomous Region tal-Federazzjoni Russa mid-29 ta' Mejju 2018. Taħt il-gvern tiegħu, ġiet dokumentata xejra mifruxa u sistematika ta' tortura fil-kolonji penitenzjarji, inkluż il-kolonja fejn Alexei Navalny kien detenut, fir-reġjun kollu. Din ix-xejra tinkludi ċ-ċaħda tal-kura medika, swat, perjodi estensivi ta' reklużjoni f'ċella, privazzjoni tal-ikel u injezzjoni b'sustanzi mhux magħrufa. Il-laqgħat bejn Dmitriy Andreevich Artyukhov u l-kap tas-sistema penali juru għarfien u approvazzjoni ta' dawk il-prattiki mill-gvern reġjonali u juru l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-gvern reġjonali u s-servizz penitenzjarju. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Gvernatur tal-Yamal-Nenets Autonomous Region, Dmitriy Andreevich Artyukhov appoġġa u kien involut fi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
84.	Kirill Sergeevich NIKIFOROV	Кирилл Сергеевич НИКИФОРОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Kovrov City Court Data tat-twelid: 14.3.1992 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Kirill Sergeevich Nikiforov huwa mħallef tal-Kovrov City Court, li ċaħdet il-kawża tal-mexxej tal-oppożizzjoni Alexei Navalny kontra IK-6 biex jappella kontra t-trasferiment tiegħu lejn ċella ta' kastig għal 12-il jum. Waqt il-priġunerija tiegħu f'IK-6, l-uffiċjali regolarment qiegħdu lil Alexei Navalny f'ċella ta' kastig għal allegat ksur minuri. Konsegwentement, huwa qatta' xhur f'iżolament li wassal għal deterjorament sinifikattiv ta' saħħtu. Għaldaqstant, fil-pożizzjoni tiegħu ta' mħallef fil-Kovrov City Court huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż detenzjonijiet arbitrarji kif ukoll tortura u trattament jew pieni krudili, inuman u degradanti oħra, kif ukoll il-ksur tal-libertà ta' opinjoni jew espressjoni, li hija ta' tħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stipulati fl-Artikolu 21 TUE.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
85.	Andrey Aleksandrovich SUVOROV	Андрей Александрович СУВОРОВ	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Moscow City Court Data tat-twelid: 2.3.1980 Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Andrey Aleksandrovich Suvorov huwa mħallef fil-Moscow City Court, li kkundannat lil Alexei Navalny għal 19-il sena f'kolonja b'reġim speċjali taħt kundizzjonijiet inumani fl-2023, li wasslu għal deterjorament gravi ta' saħħet Navalny. Għaldaqstant, fil-pożizzjoni tiegħu ta' mħallef fil-Moscow City Court huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż detenzjonijiet arbitrarji kif ukoll tortura u trattament jew pieni krudili, inuman u degradanti oħra, kif ukoll il-ksur tal-libertà ta' opinjoni jew espressjoni, li hija ta' tħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stipulati fl-Artikolu 21 TUE.	22.3.2024
86.	Aleksandr Aleksandrovich MUKHANOV	Александр Александрович МУХАНОВ	Pożizzjoni(jiet): Direttur tal-IK-2 Data tat-twelid: 7.12.1984 Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Aleksandr Aleksandrovich Mukhanov huwa d-Direttur tal-kolonja korrettiva Nru 2 (IK-2), fejn Alexei Navalny kien detenut minn Marzu 2021 sa Ġunju 2022. IK-2 huwa magħruf għal kundizzjonijiet ħżiena ta' detenzjoni. Navalny, li ġie avvelenat reċentement, ġie rrifjutat l-aċċess għal tobba ċivili f'din il-kolonja, minkejja t-theddida għal saħħtu. F'dik il-pożizzjoni, Aleksandr Aleksandrovich Mukhanov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, partikularment it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, kif ukoll il-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
87.	Roman Alexandrovitch VIDYUKOV	Роман Александрович ВИДЮКОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Investigatur fis-State Investigative Committee of the Russian Federation Data tat-twelid: 30.7.1980 Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Roman Alexandrovitch Vidyukov huwa investigatur fis-State Investigative Committee of the Russian Federation. Huwa mexxa l-investigazzjoni f'waħda mill-kawżi li fihom Alexei Navalny kien involut u kkundannat għal disa' snin ħabs fl-2022. Kien ukoll membru tal-iskwadra ta' investigazzjoni preliminari għall-kawża ta' 'ħasil tal-flus' kontra l-fondazzjoni ta' Navalny kontra l-korruzzjoni. Huwa mexxa wkoll l-investigazzjoni kontra Lilia Chanysheva, eks Kap tal-kwartieri ġenerali ta' Navalny f'Ufa, ikkundannata għall-'ħolqien ta' komunità estremista'. Lilia Chanysheva ġiet ikkundannata għal seba' snin u nofs ħabs fl-2023.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
				Matul dawk il-kawżi tal-qorti, Roman Alexandrovitch Vidyukov allegatament hedded xhud, sabiex iġiegħlu jixhed b'tali mod li jaġevola l-investigazzjoni matul il-kawża ta' frodi ta' Navalny. Għaldaqstant huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u l-ksur tal-libertà ta' opinjoni u espressjoni li huwa ta' tħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stipulati fl-Artikolu 21 TUE.	
88.	Evgenia Sergeevna NIKOLAEVA	Евгения Сергеевна НИКОЛАЕВА (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Basmanny District Court f'Moscow Data tat-twelid: 9.7.1981 Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Evgenia Sergeevna Nikolaeva ilha mħallef tal-Basmanny District Court f'Moska mill-2016. Hija ħarġet għadd ta' sentenzi kontra avversarji politiċi (inkluż Alexei Navalny, Ilia Yashin u Vladimir Kara-Murza), u b'hekk ikkontribwiet għar-repressjoni politika fir-Russja. F'Ottubru 2023, bagħtet lill-avukati ta' Navalny, Alexey Liptser u Igor Sergunin, għal arrest preventiv għal xahrejn. Qabel dan, kienet ripetutament għamlet il-ħajja diffiċli għall-priġunieri politiċi, inkluż billi estendiet it-termini ta' detenzjoni fiċ-ċentru ta' arrest preventiv għall-eks kap tal-kwartieri ġenerali ta' Navalny f'Ufa, Lilia Chanysheva. Hija rrifjutat ukoll li tindirizza l-ilmenti dwar in-nuqqas ta' azzjoni tal-Investigative Committee of the Russian Federation dwar l-allegazzjoni tal-avvelenament ta' Navalny. Fil-pożizzjoni tagħha, hija għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u l-ksur tal-libertà ta' opinjoni u espressjoni li huwa ta' tħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stipulati fl-Artikolu 21 TUE.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
89.	Natalia Nikolaevna DUDAR	Наталия Николаевна ДУДАРЬ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Basmanny District Court f'Moscow Data tat-twelid: 13.6.1974 Post tat-twelid: Russia Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Natalia Nikolaevna Dudar hija mħallef fil-Basmanny District Court f'Moska. Fil-pożizzjoni tagħha, ħarġet għadd ta' sentenzi kontra dimostranti paċifiċi u avversarji politiċi, inkluż impjegati tal-Anti-Corruption Foundation (FBK) ta' Alexey Navalny, Ilia Yashin u Vladimir Kara-Murza. Hija ħarġet ordnijiet għat-tiftix fuq l-impjegati tal-FBK u l-interċettazzjoni telefonika tal-apparati tagħhom. Estendiet l-arrest fiċ-ċentru ta' arrest preventiv ta' Lilia Chanysheva, eks Kap tal-kwartieri ġenerali ta' Navalny f'Ufa, li ġiet akkużata li ħolqot komunità estremista. Natalia Nikolaevna Duda hija għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, b'mod partikolari arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u l-ksur tal-libertà ta' opinjoni u espressjoni li huwa ta' ħassib serju fir-rigward tal-objettivi tal-politika estera u ta' sigurtà komuni stipulati fl-Artikolu 21 TUE.	22.3.2024
90.	Oleg Vladimirovich SEVOSTYANOV	Олег Владимирович СЕВОСТЬЯНОВ	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment tal-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Russja għall-Yamalo-Nenets Autonomous Okrug Data tat-twelid: 16.10.1968 Post tat-twelid: Bratsk, Irkutsk region, former USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-identità tat-taxxa: 622701024605	Oleg Vladimirovich Sevostyanov huwa uffiċjal Russu ta' livell għoli. Huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Ministeru għall-Ġustizzja tar-Russja għall-Yamalo-Nenets Autonomous Okrug. F'dik il-pożizzjoni, huwa responsabbli għall-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem u dawk ċivili fil-Yamalo-Nenets Autonomous Okrug. L-IK-3 penal colony, fejn miet il-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny u li hija magħrufa għall-eżerċizzju ta' pressjoni fiżika u psikoloġika, iżolament sħiħ, tortura u vjolenza fuq il-priġunieri kif ukoll għall-kwalità ħażina tas-servizzi mediċi, tinsab fil-Yamalo-Nenets Autonomous Okrug. Għaldaqstant, Oleg Vladimirovich Sevostyanov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/952/oj

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
91.	Vsevolod Lvovich VUKOLOV	Всеволод Львович ВУКОЛОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Viċi Ministru għall-Ġustizzja tar-Russian Federation Data tat-twelid: 7.4.1969 Post tat-twelid: Moscow, former USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Numru tal-identità tat-taxxa: 770405292394	Vsevolod Lvovich Vukolov huwa uffiċjal Russu ta' livell għoli. Huwa il-Viċi Ministru għall-Ġustizzja tal-Federazzjoni Russa. F'dik il-pożizzjoni, huwa responsabbli għas-superviżjoni tal-Federal Penitentiary Service u d-Department of State Policy in the Field of the Penitentiary System. Għaldaqstant, kien responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' ħabs tal-politiku Russu tal-oppożizzjoni Alexei Navalny, u s-sikurezza u l-benesseri tiegħu fil-ħabsijiet Russi. Peress li ssorvelja l-priġunerija ta' Alexei Navalny, fl-aħħar mill-aħħar huwa responsabbli għall-mewt ta' Alexei Navalny fl-IK-3 penal colony. Għaldaqstant, Vsevolod Lvovich Vukolov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
92.	Viktor Evdokimovich GAVRILOV	Виктор Евдокимович ГАВРИЛОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Dipartiment tat-Trasport tal-Federal Security Service of the Russian Federation (FSB) Economic Security Service Data tat-twelid:1961 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Aleksandr Vasilievich Bortnikov	Viktor Evdokimovich Gavrilov huwa l-Kap tat-Transport Department of the FSB Economic Security Service. F'dik il-pożizzjoni, kien responsabbli għall-koordinazzjoni ta' diversi aġenziji governattivi wara l-wasla tal-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny f'Moska wara l-kura tiegħu għall-avvelenament bin-Novichok fl-2021. L-azzjonijiet tiegħu ffaċilitaw u ppermettew l-arrest u l-priġunerija ta' Alexei Navalny. Għaldaqstant, Viktor Evdokimovich Gavrilov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti u detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Traż litterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
93.	Ilya Nikolayevich KRUGLYSHEV	Илья Николаевич КРУГЛЫШЕВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Kunsillier Legali Anzjan tal-Legal Service of the Organisational and Analytical Department of the Vladimir Region Federal Penitentiary Service Grad: Kaptan Data tat-twelid:23.2.1986 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Ilya Nikolayevich Kruglyshev huwa uffiċjal Russu ta' livell għoli. Huwa l-Kunsillier Legali Prinċipali tal-Legal Service of the Organisational and Analytical Department of the Vladimir Region Federal Penitentiary Service u rrappreżenta l-IK-6 penal colony f'kawżi tal-qorti mressqa minn Alexei Navalny kontra l-IK-6 penal colony. F'dik il-pożizzjoni, kien involut direttament fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet ta' tortura għal Alexei Navalny fl-IK-6 penal colony Nru 6 f'Melekhovo, Vladimir region. Huwa lanqas ma kkunsidra l-ilmenti rigward il-kundizzjonijiet tal-iskontar ta' sentenza mressqa minn Alexei Navalny (inkluż l-ilmenti dwar in-nuqqas ta' opportunitajiet li jinxtraw porzjonijiet addizzjonali ta' ikel). Għaldaqstant, Ilya Nikolayevich Kruglyshev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
94.	Dmitry Evgenievich SAMOILOV	Дмитрий Евгеньевич САМОЙЛОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Kovrov City Court Data tat-twelid: 6.4.1970 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Dmitry Evgenievich Samoilov huwa mħallef Russu li jaħdem fil-Kovrov City Court. F'dik il-pożizzjoni, ripetutament irrifjuta li jindirizza l-pretensjonijiet tal-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny kontra l- IK-6 kolonja korrettiva, li kellhom l-għan li jirrestawraw u jipproteġu d-drittijiet tiegħu miksura mit-tmexxija tal-IK-6. Il-pretensjonijiet ta' Navalny kienu jikkonċernaw l-aċċess għall-għajnuna medika, l-aċċess għall-informazzjoni, u d-dritt li jikkuntattja lill-familja tiegħu Għaldaqstant, Dmitry Evgenievich Samoilov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
95.	Ilnar Irfanovich BASYROV	Ильнар Ирфанович БАСЫРОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): imħallef tal-Moscow City Court Data tat-twelid: 8.6.1981 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Entitajiet assoċjati: Il-Moscow City Court	Ilnar Irfanovich Basyrov ilu jaħdem bħala mħallef fil-Moscow City Court mit-28 ta' Mejju 2014. Huwa nħatar b'digriet presidenzjali. F'dik il-pożizzjoni, kien involut direttament fil-proċess tal-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny. Fi proċess politikament motivat huwa ppronunzja lil Alexei Navalny ħati, u poġġieh f'kolonja penali ta' sigurtà għolja sabiex Navalny ma jkunx jista' jinvolvi ruħu f'attività politika. Għaldaqstant, Ilnar Irfanovich Basyrov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
96.	Sergey Anatolevich MOROZ	Сергей Анатольевич МОРОЗ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Kap tal-Federal Penitentiary Service of the Russian Federation for Moscow Data tat-twelid: 15.9. 1968 Post tat-twelid: Berdyansk, Zaporozhye, Ukrainian SSR (issa Ukrajna) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Anatolevich Moroz huwa uffiċjal Russu, il-Kap tal-Federal Penitentiary Service f'Moska. F'dik il-pożizzjoni, poġġa l-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny fuq il-lista federali ta' persuni mfittxija. Moroz huwa akkużat li eżerċita umiljazzjoni estrema u vjolenza fuq id-detenuti mal-wasla tagħhom f'detenzjoni. Għaldaqstant, Sergey Anatolevich Moroz huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
97.	Elena Evgenievna MOROZOVA	Елена Евгеньевна МОРОЗОВА (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Khimki City Court Nazzjonalità: Russa Sess: mara	Elena Evgenievna Morozova hija mħallef Russa li taħdem fil-Khimki City Court. Fil-pożizzjoni tagħha, iddeċidiet li tqiegħed f'kustodja lill-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny għal 30 jum, wara li wasal f'Moska wara l-kura tiegħu għall-avvelenament bin-Novichok. Il-proċess li hija ppresediet kiser l-istandards ta' proċess ġust, inkluż id-dritt ta' rieżami tal-kontenut tal-att ta' akkuża u tad-dokumenti tal-proċess, l-opportunità ta' konsultazzjoni ma' avukat, u l-aċċess pubbliku għall-proċess. Għaldaqstant, Elena Evgenievna Morozova hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
98.	Musa Abdurakhmanovich MUSAEV	Муса Абдурахманович МУСАЕВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef fil-Moscow Regional Court Data tat-twelid: 14.10.1951 Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Musa Abdurakhmanovich Musaev huwa mħallef Russu li jaħdem fil-Moscow Regional Court. F'dik il-pożizzjoni, beda proċedimenti legali rigward l-arrest tal-mexxej tal-oppożizzjoni Russu Alexei Navalny mar-ritorn tiegħu mill-Ġermanja, fejn kien qed jirċievi kura għall-avvelenament bin-Novichok. Huwa kkonferma d-deċiżjoni li Navalny jiġi arrestat għal 30 jum, u rrifjuta l-appell tiegħu. Id-deċiżjoni ttieħdet matul seduta qasira li damet ħames minuti biss. Għaldaqstant, Musa Abdurakhmanovich Musaev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, arresti u detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
99.	Mikhail Yurievich PTITSYN	Михаил Юрьевич ПТИЦЫН (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): President tal-Moscow City Court Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Mikhail Yurievich Ptitsyn huwa President tal-Moscow City Court. F'dik il-pożizzjoni, ikkunsidra b'mod pożittiv il-proposta tar-Russian Federal Penitentiary Service li s-sentenza ta' probation tal-mexxej tal-oppożizzjoni Alexei Navalny tiġi sostitwita b'sentenza sħiħa. Konsegwentement, Navalny ġie mċaħħad mill-possibbiltà li jaġixxi fil-ħajja pubblika fir-Russja billi ntbagħat il-ħabs f'kolonja penali. Għaldaqstant, Mikhail Yurievich Ptitsyn huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
100.	Sergey Alekseevich RYABTSEV	Сергей Алексеевич РЯБЦЕВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tal-Lefortovo District Court of Moscow Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Sergey Alekseevich Ryabtsev huwa mħallef Russu li jaħdem fil-Lefortovo District Court of Moscow. F'dik il-pożizzjoni kien involut fis-sabotaġġ tal-investigazzjoni rigward l-avvelenament ta' Alexei Navalny billi rrifjuta li jindirizza l-ilment dwar in-nuqqas ta' azzjoni tal-Investigative Directorate of the Federal Security Service of the Russian Federation (FSB). Barra minn hekk, huwa kontinwament jagħti sentenzi kontra l-libertà tal-espressjoni fir-Russja. Għaldaqstant, Sergey Alekseevich Ryabtsev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
101.	Petr Pavlovich SERKOV	Пётр Павлович СЕРКОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi President tas-Supreme Court of the Russian Federation Data tat-twelid: 7.6.1955 Post tat-twelid: Poldamasovo, Ulyanovsk region, former USSR (issa Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Petr Pavlovich Serkov huwa l-Ewwel Viċi President tas-Supreme Court of the Russian Federation. F'dik il-pożizzjoni, ikkonferma l-verdett kontra l-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny fl-2018. Konsegwentement, Alexei Navalny instab ħati u ġie nkarċerat f'kolonja penali ta' sigurtà għolja sabiex ma jkunx jista' jinvolvi ruħu f'attività politika. It-tqegħid ta' Alexei Navalny f'kolonja penali wassal għall-mewt tiegħu. Għaldaqstant, Petr Pavlovich Serkov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
102.	Yuri Vasilievich SITNIKOV	Юрий Васильевич СИТНИКОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Imħallef tas-Supreme Court of Russia (attwalment irtirat) Data tat-twelid: 17.4.1961 Post tat-twelid: Krutogorye, Lipetsk region, former USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Yuri Vasilievich Sitnikov huwa eks Imħallef tas-Supreme Court of Russia, li serva bħala membru tal-Appellate Chamber of the Supreme Court of the Russian Federation. F'dik il-pożizzjoni, eskluda lil Alexei Navalny milli joħroġ fl-elezzjoni presidenzjali fir-Russja fl-2018 fi proċess politikament motivat. Għaldaqstant, Yuri Vasilievich Sitnikovis huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż ksur sistematiku tad-dritt għall-għaqda paċifika u l-assoċjazzjoni, u l-libertà ta' espressjoni u ta' opinjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
103.	Nikolay Viktorovich TIMOSHIN	Николай Викторович ТИМОШИН (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Membru tal-Presidium of the Supreme Court of the Russian Federation Data tat-twelid: 14.8.1959 Post tat-twelid: Zhidkoe village, Znamensky district, Oryol region, former USSR (illum Russian Federation) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Nikolay Viktorovich Timoshin huwa Membru tal-Presidium of the Supreme Court of the Russian Federation. F'dik il-pożizzjoni, ikkonferma l-verdett kontra l-politiku tal-oppożizzjoni Alexei Navalny fl-2018. Konsegwentement, Alexei Navalny instab ħati u ġie nkarċerat f'kolonja penali ta' sigurtà għolja sabiex ma jkunx jista' jinvolvi ruħu f'attività politika. Għaldaqstant, Nikolay Viktorovich Timoshin huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024
104.	Vladimir Yurievich ZAITSEV	Владимир Юрьевич ЗАЙЦЕВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): President tal-Appellate Chamber of the Supreme Court of the Russian Federation Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Vladimir Yurievich Zaitsev huwa President tal-Appellate Chamber of the Supreme Court of the Russian Federation. F'dik il-pożizzjoni, eskluda lil Alexei Navalny milli joħroġ fl-elezzjoni presidenzjali fir-Russja fl-2018 fi proċess politikament motivat. Għaldaqstant, Vladimir Yurievich Zaitsev huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż ksur sistematiku tad-dritt għall-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni, u l-libertà ta' espressjoni u ta' opinjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
105.	Vladimir Sergeevich SHVEDOV	Владимир Сергеевич ШВЕДОВ (ortografija Russa)	Pożizzjoni(jiet): Kap tad-Department of State Policy in the Sphere of Execution of Criminal Sentences fil-Ministeru għall-Ġustizzja Russu Nazzjonalità: Russa Sess: raġel Individwi assoċjati: Vsevolod Lvovich Vukolov Entitajiet assoċjati: Ministeru għall-Ġustizzja Russu	Vladimir Sergeevich Shvedov huwa uffiċjal Russu ta' livell għoli. Huwa il-Kap tad-Department of State Policy in the Sphere of Execution of Criminal Sentences fil-Ministeru għall-Ġustizzja Russu. F'dik il-pożizzjoni, peress li jmexxi l-politika tal-istat fil-qasam tal-eżekuzzjoni ta' sentenzi kriminali u jikkunsidra l-appelli taċ-ċittadini, huwa kien responsabbli għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' ħabs tal-politiku tal-oppożizzjoni Russu Alexei Navalny. Għaldaqstant, Vladimir Sergeevich Shvedov huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, detenzjonijiet arbitrarji, u ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024"

(2) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi":

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
"22.	IK-3 penal colony magħrufa ukoll bħala The Federal State Institution 'Correctional Colony No. 3' (IK-3); IK-3 men's maximum security correctional colony; Polar Wolf	ФКУ ИК-3 magħruf ukoll bħala Полярный волк (ortografija Russa)	Indirizz: 629420 , st. Gagarina, 1 A , Yamalo-Nenets Autonomous Okrug, Kharp village Data tar-reġistrazzjoni: 1961 Post prinċipali tan-negozju: Yamalo-Nenets Autonomous Okrug, Russian Federation Individwi assoċjati: Kap tal-IK-3 penal colony, il-Kurunell Vadim Konstantinovich KALININ	L-IK-3 hija kolonja penali fis-servizzi korrettivi Russi, li hija mmexxija minn Vadim Kalinin. Bħala parti mis-sistema penali Russa, hija taħt l-awtorità tal-Ministeru għall-Ġustizzja tal-Federazzjoni Russa. L-IK-3 penal colony hija magħrufa għall-eżerċizzju ta' pressjoni fiżika u psikoloġika, iżolament sħiħ, tortura u vjolenza fuq il-priġunieri kif ukoll għall-kwalità ħażina tas-servizzi mediċi. Alexei Navalny, li nżamm fl-IK-3 penal colony mill-25 ta' Diċembru 2023 sal-mewt tiegħu fis-16 ta' Frar 2024, sofra abbuż fl-IK-3 penal colony, inkluż b'reklużjoni f'ċella ta' kastig u trattament krudili, inuman u degradanti, li wassal għad-deterjorament serju ta' saħħtu u l-mewt eventwali tiegħu. Għaldaqstant, l-IK-3 penal colony hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra u l-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024

	Ismijiet (Traż litterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
23.	IK-6 penal colony magħrufa ukoll bħala Penal colony No. 6, Vladimir Oblast; IK-6 Melekhovo; Melekhovo correctional colony	ИК-6 Мелехово magħrufa ukoll bħala ФКУ «ИК № 6 УФСИН по Владимирской области» (ortografija Russa)	Indirizz: village of Melekhovo (Vladimir region), Kovrovsky district, at Pervomaiskaya str., 261-A. Tip ta' entità: Kolonja korrettiva tal-irġiel Russa Post ta' reġistrazzjoni: Russia Data tar-reġistrazzjoni: 1959	IK-6 hija kolonja penali fis-servizzi korrettivi Russi, li hija mmexxija minn Dmitry Nozhkin. Bħala parti mis-sistema penali Russa, hija taħt l-awtorità tal-Ministeru għall-Ġustizzja tal-Federazzjoni Russa. L-IK-6 penal colony hija magħrufa għall-eżerċizzju ta' pressjoni fiżika u psikoloġika, iżolament sħiħ, tortura u vjolenza fuq il-priġunieri. Alexei Navalny, li nżamm fl-IK-6 kolonja korrettiva minn Ġunju 2022 sal-25 ta' Diċembru 2023, sofra abbuż fl-IK-6 penal colony, inkluż b'reklużjoni f'ċella ta' kastig u trattament krudili, inuman u degradanti, li wassal għad-deterjorament serju ta' saħħtu. Għaldaqstant, l-IK-6 penal colony hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra u l-ksur sistematiku tal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni.	22.3.2024”